bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Gerald Xuereb, iben
Carmelo, imwieled
Żebbuġ fid-29 ta'
ġunju, 1936
u
Carmela Xuereb, mart
Gerald, bint John
Vassallo, imwielda
Żebbuġ fit-23 ta'
ottubru, 1942

Illum, 26 ta' frar, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputati talli bejn it-23 ta' ottubru, 1995 u is-6 ta' awissu, 1999, bħala detenturi tal-fond bl-isem 'St. Philip Polt', Mdina Road,
Żebbuġ b'diversi azzjonijiet magħmulin minnhom, fi żminijiet differenti, li jiksru
l-istess dispozizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, kissru l-gumni tas-servizz elettriku, cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollhom l-użu jew il-konsum elettriku, jew li bihom setgħu iwaqqfu jew ibiddlu il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata, ikkomettew serq tal-kurrent elettriku li l-valur tiegħu jammonta għal Lm152.68 liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-26 ta' frar, 2001 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' frar, 2001 fejn rappresentant tal-Korporazz-
joni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputati ħallsu dak kollu dovut u li m'għandom ebda interess fil-kawża.

Rat il-verbal ta' l-istess seduta hawn fuq imsemmija fejn l-imputata Carmela Xuereb ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha u infurmat lill-Qorti li Gerald Xuereb, żewġha, ma kien għamel xejn.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat Gerald Xuereb ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkuża. Issib lill-imputata Carmela Xuereb ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270 u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152
tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Inoltre, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputata li tħallas is-somma ta' Lm49.45 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' espert.